

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > [Estonia](#)

Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut minn
Estonja

Estonja



Din il-paġna tagħtik ħarsa ġenerali lejn l-organizzazzjoni tal-professjonijiet legali fl-Estonja.

Professjonijiet legali – introduzzjoni

Il-professjonijiet legali fl-Estonja jikkonsistu fi:

- prosekuturi;
- imħallfin;
- imħallfin onorarji;
- assistenti mħallfin u skrivana tal-qorti;
- avukati;
- nutara;
- uffiċjali ġudizzjarji; u
- riċeventi f'falliment.

Prosekuturi

Organizzazzjoni

[L-Uffiċċju tal-Prosekutur](#) huwa korp tal-gvern li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Ġustizzja. L-Uffiċċju jikkonsisti f'żewġ livelli: l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (bħala l-uffiċċju tal-prosekutur superjuri) u erba' uffiċċji ta' prosekuturi distrettwali.

Il-ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tkopri lill-Estonja kollha u l-ġurisdizzjoni ta' kull Uffiċċju ta' Prosekutur Distrettwali tikkorrispondi għal dik tal-prefetti tal-pulizija. L-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa mmexxi mill-Prosekutur Ġenerali, li jinħatar fil-kariga għal ħames snin mill-gvern Estonjan fuq proposta tal-Ministru għall-Ġustizzja, wara li jkun sema' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Estonjan.

Kull sena fis-sessjoni tar-rebbiegħa tal-Parlament, il-Prosekutur Ġenerali jagħti lill-Kumitat Kostituzzjonali tal-Parlament ħarsa ġenerali tal-prestazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti tal-kompiti assenjati bil-liġi lill-Uffiċċju tal-Prosekutur.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Distrettwali huwa mmexxi minn kap prosekutur li jinħatar fil-kariga wkoll għal ħames snin mill-Ministru għall-Ġustizzja fuq proposta tal-Prosekutur Ġenerali.

B'kolloxx hemm tmien tipi ta' prosekuturi fl-Estonja: il-Prosekutur Ġenerali, il-prosekuturi prinċipali tal-Istat, il-prosekuturi tal-Istat u l-assistenti prosekuturi fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u tal-prosekuturi prinċipali, il-prosekuturi anzjani, il-prosekuturi speċjali, il-prosekuturi distrettwali u l-assistenti prosekuturi fl-Uffiċċji tal-Prosekuturi Distrettwali.

Ara wkoll [l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur](#).

Rwol u dmirijiet

Skont l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur, l-Uffiċċju tal-Prosekutur:

- jipparteċipa fl-ippjanar tas-sorveljanza meħtieġa għall-prevenzjoni u l-iskoperta ta' delitti;
- imexxi l-proċedimenti kriminali ta' qabel il-proċess sabiex jiżgura l-legalità u l-effikaċja tagħhom;
- jirrappreżenta lill-prosekuzzjoni pubblika fil-qorti;
- iwettaq dmirijiet oħra imposti bil-liġi fuq l-Uffiċċju tal-Prosekutur.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur iwettaq id-dmirijiet tiegħu skont l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur b'mod indipendenti.

Peress li jmexxi l-proċedimenti kriminali, il-prosekutur jiggwida lill-korp investigattiv fil-ġbir tal-provi u jiddeċiedi jekk iressaqx akkużi kontra persuna fuq il-bażi tal-fatti stabbiliti.

Skont l-Istatuti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur:

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali:

- jiżgura l-legalità u l-effikaċja tal-proċedimenti kriminali preproċesswali u jirrappreżenta l-prosekuzzjoni pubblika fil-qorti fl-istanzi kollha fir-rigward ta' atti ta' kondotta uffiċjali kriminali, reati ekonomiċi, reati marbuta mas-servizz fil-Forzi Armati, reati ambjentali, reati kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u reati kriminali marbuta mal-kriminalità organizzata, ta' natura transfruntiera jew reati li jqanqlu l-interess pubbliku, kif ukoll reati kontra l-umanità u s-sigurtà internazzjonali, reati aktar serji kontra l-Istat, reati kriminali mwettqa minn prosekuturi u reati kriminali oħrajn assenjati mill-Kap Prosekutur Pubbliku;
- janalizza, jissorvelja u jagħti parir dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi Distrettwali u janalizza u jasal għal konklużjonijiet ġenerali dwar Prattiki Ġudizzjarji u l-Prattiki tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi;
- iwettaq obbligi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni internazzjonali, inkluża l-parteċipazzjoni fix-xogħol tal-Eurojust;
- jipparteċipa fl-abbozzar ta' Atti, ta' Regolamenti u Ordnijiet Amministrattivi tal-Gvern tar-Repubblika kif ukoll ta' Regolamenti u Ordnijiet tal-Ministru għall-Ġustizzja li jikkonċernaw l-attivitajiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur;
- jipparteċipa fit-tfassil ta' pjanijiet ta' żvilupp relatati mal-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-funzjonijiet tiegħu;
- jorganizza l-attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur u jinforma lill-pubbliku dwar l-operazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur;
- jorganizza r-riżorsi umani u l-ħidma ta' taħriġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, jittratta kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tal-uffiċjali u l-impjegati, u jżomm rekords tal-personal;
- jorganizza l-kompiti amministrattivi tal-bord tal-għażla għall-prosekuturi;
- iħejji l-abbozz tal-baġit għall-Uffiċċju tal-Prosekutur u jiżgura li r-riżorsi baġitarji jintużaw b'mod immirat;
- jorganizza l-ġestjoni tal-assi tal-Istat fil-pussess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur;
- iwettaq funzjonijiet oħrajn assenjati lilu permezz ta' Att, deċiżjoni tar-Riigikogu, digriet tal-President tar-Repubblika, regolament jew ordni tal-Gvern tar-Repubblika, jew regolament jew ordni tal-Ministru għall-Ġustizzja.

Imħallfin

Organizzazzjoni

Imħallf irid ikun ċittadin Estonjan li kiseb Grad ta' Master fil-liġi rikonoxxut nazzjonalment, kwalifika ekwivalenti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 28(2²) tal-Att dwar l-Edukazzjoni tar-Repubblika tal-Estonja jew kwalifika barranija ekwivalenti, irid ikun profiċjenti fl-Estonjan f'livell avanzat, ikun ta' karattru morali għoli u jkollu l-ħiliet u l-karatteristiki personali meħtieġa biex jaħdem bħala mħallf. L-imħallfin jinħatru fil-kariga għal għomorhom. Il-Ministru għall-Ġustizzja ma għandu l-ebda dritt ta' kmand jew ta' awtorità dixxiplinarja fuq l-imħallfin. Imħallf jista' jitneħħa mill-kariga biss fuq il-bażi ta' sentenza tal-qorti li tkun daħlet fis-seħħ. L-imħallfin jistgħu jservu sal-età ta' 67 sena, iżda dan jista' jiġi estiż.

Dawn li ġejjin ma jistgħux jinħatru bħala mħallfin:

- kull min jinsab ħati ta' reat kriminali;
- kull min tneħħa mill-kariga ta' mħallf, nutar jew uffiċjal ġudizzjarju;

- kull min ikun tkeċċa mill-Kamra tal-Avukati Estonjana;
- kull min ikun ġie rilaxxat minn servizz pubbliku minħabba ksur tar-regoli tad-dixxiplina;
- kull min huwa fallut;
- kull persuna li l-attivitajiet professjonali tagħha bħala awditur ikunu intemmu, ħlief meta dan ikun seħħ fuq talba tal-awditur;
- kull persuna li għaliha d-dritt li taħdem bħala aġent tal-privattivi ġie rtirat, ħlief fejn dan ikun seħħ fuq talba tal-aġent tal-privattivi.
- kull persuna li għaliha d-dritt li taħdem bħala traduttur ġuramentat ġie rtirat, ħlief fejn dan ikun seħħ abbażi tal-Artikolu 28(3)(3) tal-Att dwar it-Tradutturi Ġuramentati.

Kull min, wara li jkun kiseb il-kwalifika rilevanti, ikun kiseb mill-inqas 5 snin esperjenza legali jew li jkun ħadem bħala skrivan legali jew skrivan ġudizzjarju għal mill-inqas 3 snin u jkun għadda mill-eżami tal-imħallef jew ikun eżentat milli jagħmlu, jista' jinħatar bħala mħallef ta' qorti tal-kontea jew qorti amministrattiva.

Kull min huwa avukat ta' esperjenza u rikonoxxut u jkun għadda mill-eżami ta' mħallef jista' jinħatar bħala mħallef ta' qorti distrettwali. Kull min ħadem bħala mħallef eżatt qabel il-ħatra tiegħu m'għandux għalfejn jagħmel l-eżami għal imħallef.

Avukati ta' esperjenza u rikonoxxuti jistgħu jinħatru bħala mħallfin tal-Qorti Suprema.

L-Imħallfin huma maħtura permezz ta' kompetizzjoni miftuħa.

Imħallef ma jistax ikollu impjeg ieħor għajr il-kariga ta' mħallef, ħlief fil-kapaċità ta' taġġim jew riċerka. Imħallef għandu jinforma lill-President tal-Qorti bl-impjeg tiegħu kollha apparti dak fil-kariga ta' mħallef. Kull impjeg ieħor minbarra l-kariga ta' mħallef jista' jfjikkol it-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tal-imħallef jew l-imparzjalità tiegħu fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Imħallef ma jistax ikun Membru tar-Riigikogu jew membru ta' kunsill ta' muniċipalità jew ta' belt, membru ta' partit politiku, fundatur, sieħeb fit-tmexxija jew membru tal-bord amministrattiv jew bord superviżorju ta' kumpanija, direttur ta' fergħa ta' kumpanija barranija, riċevent f'falliment, membru ta' kumitat ta' proċeduri ta' falliment, amministratur obligatorju ta' propjetà immobbli jew arbitru magħżul minn wieħed mill-partijiet f'tilwima.

Imħallef jista' jitneħħa mill-kariga biss b'sentenza tal-qorti. Akkużi kriminali kontra mħallef ta' qorti tal-primja jew tat-tieni istanza jistgħu jitressqu matul it-terminu tal-ħatra tiegħu biss fuq proposta tal-Qorti Suprema en banc (l-imħallfin kollha) bil-kunsens tal-President tar-Repubblika. Akkużi kriminali kontra mħallef tal-Qorti Suprema jistgħu jitressqu matul it-terminu tal-ħatra tiegħu biss fuq proposta tal-Kanċillier tal-Ġustizzja bil-kunsens ta' maġġoranza tal-Parlament Estonjan.

Ir-rekwiżiti applikabbli għall-imħallfin, għas-servizz preparatorju u għall-obbligi taġġhom huma stabbiliti fl-[Att dwar il-Qrati](#).

Rwol u dmirijiet

Il-professjoni ġudizzjarja hija rregolata mil-liġi. L-imħallfin Estonjani kollha li jservu flimkien (*en banc*) adottaw kodiċi ta' etika. Għal aktar informazzjoni ara s-sit elettroniku tal-[Qrati Estonjani](#) u s-sit elettroniku tal-[Qorti Suprema](#).

Ir-rwol ta' mħallef huwa li jamministra l-ġustizzja skont il-Kostituzzjoni u l-atti legali, li fuq il-bażi taġġhom l-imħallef jiddeċiedi dwar soluzzjoni ġusta għall-partijiet għall-kawża. Imħallef jiżviluppa l-liġi bl-interpretazzjoni tal-atti legali u bir-riċerka.

Imħallef iwettaq id-dmirijiet uffiċjali tiegħu b'mod imparzjali mingħajr interess personali u josserva l-interessi tas-servizz anki barra l-attivitajiet professjonali tiegħu. Imħallef irid iġib ruħu b'mod impekkabbli kemm fl-attivitajiet professjonali tiegħu kif ukoll lil hinn minnhom u għandu joqgħod lura milli jwettaq atti li jistgħu jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-qorti. Imħallef ma jistax jiżvela informazzjoni li jsir jaf biha waqt sessjoni tal-qorti li tkun saret fil-privat jew waqt diskussjonijiet li saru biex jintlaħaq ftehim. L-obbligu tal-kunfidenzjalità japplika dejjem, anki meta l-imħallef ikun irtira. Imħallef irid jissorvelja lill-imħallfin tal-ewwel istanza b'inqas minn 3 snin esperjenza, dawk li jkunu għaddejnin mis-servizz preparatorju biex isiru assistenti mħallfin, u studenti universitarji li jkunu qed jitħarrġu. Imħallef ma jistax ikollu aktar minn żewġ persuni taħt is-supervizzjoni tiegħu fi kwalunkwe ħin partikolari. Imħallef għandu jiżviluppa l-għarfien u l-ħiliet professjonali tiegħu b'mod regolari u għandu

jipparteċipa fit-taħriġ.

Vantaġġi soċjali għall-imħallfin

Bil-liġi, l-imħallfin jirċievu vantaġġi soċjali varji, inkluż salarju uffiċjali, rimunerazzjoni addizzjonali, pensjoni ta' mħallf, liv, it-toga u vantaġġi soċjali oħra.

Is-salarji uffiċjali tal-imħallfin huma stabbiliti fl-[Att dwar is-Salarji tal-Impjegati tal-Istat Aktar Anzjani](#).

Ir-raġunijiet għad-determinazzjoni tal-pensjoni ta' mħallf huma stabbiliti fl- [Att dwar il-Qrati](#).

Il-pensjoni ta' mħallf hija magħmula minn pensjoni tal-irtirar, pensjoni minn fond providenti, pensjoni tal-invalidità u pensjoni tas-superstiti għall-membri tal-familja tal-imħallf. Il-pensjoni ta' mħallf ma titħallasx matul l-impjeg bħala mħallf. Jekk imħallf irtirat jiġi impjegat xi mkien ieħor huwa jirċievi l-pensjoni ta' mħallf sħiħa irrispettivament mill-qligħ. Il-pensjoni ta' mħallf ma titħallasx lil xi ħadd li jkun tkeċċa mill-kariga għal ksur tar-regoli tad-dixxiplina jew li nstab ħati ta' reat kriminali kommess intenzjonalment. Il-pensjoni ta' mħallf tiġi rtrirata mingħand kull persuna ħatja ta' reat kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Imħallf huwa intitolat għal liv annwali. It-tul tal-liv annwali huwa ta' 35 jum kalendarju, u liv addizzjonali sa total ta' 7 ijiem kalendarji jingħata għaż-żmien li wieħed iqatta' jaħdem bħala mħallf, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar il-Qrati.

Imħallfin onorarji

L-imħallfin onorarji jieħdu sehem fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi qrati tal-kontea biss f'każijiet kriminali rigward delitt tal-ewwel grad. Imħallf onorarju għandu l-istess status, l-istess drittijiet u l-istess dmirijiet bħal imħallf fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Imħallf onorarju jista' jinħatar għal mhux iktar minn 4 snin u jrid ikun ċittadin Estonjan b'kapaċità ġuridika attiva, ikollu bejn 25 u 70 sena, ikun domiċiljat l-Estonja, ikun profiċjenti fil-lingwa Estonjana fil-livell C1 kif stabbilit mill-Att dwar il-Lingwi jew f'livell ekwivalenti, u jkun persuna ta' prinċipji morali xierqa sabiex iwettaq il-funzjonijiet ta' mħallf onorarju. Imħallf onorarju ma jistax jinħatar għal aktar minn żewġ termini konsekuttivi.

Dawn li ġejjin ma jistgħux jinħatru bħala mħallf onorarju: kull persuna ħatja ta' reat kriminali, kull min huwa fallut, min mhux adatt għal raġunijiet ta' saħħa, min kellu indirizz permanenti (jiġifieri indirizz imdaħħal fir-reġistru tal-popolazzjoni) għal inqas minn sena fi ħdan iż-żona ta' amministrazzjoni lokali li tkun ippreżentat lill-persuna bħala kandidat għal imħallf lajk, min jaħdem fil-qrati, fl-Uffiċċju tal-Prosekutur jew fis-Servizz tas-Sigurtà Interna, min huwa parti mill-forzi armati, min huwa avukat, nutar jew uffiċjal ġudizzjarju, membru tal-Gvern Estonjan jew tal-gvern muniċipali jew tal-belt, il-President tar-Repubblika, Membru tar-Riigikogu. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali ma jistax jinħatar bħala mħallf onorarju matul il-proċedimenti kriminali.

Essenzjalment, ir-rwol ta' mħallf onorarju huwa li jirrappreżenta, fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, il-perspettiva ta' persuna ordinarja li tikkunsidra l-proċedimenti ġudizzjarji iktar minn perspettiva umana milli minn waħda ġuridika. Il-kunsilli lokali għandhom ir-responsabbiltà biex jeleġġu l-imħallfin onorarji kandidati.

Imħallfin assistenti u skrivana tal-qorti

Assistent imħallf huwa uffiċjal tal-qorti li jwettaq id-dmirijiet stabbiliti bil-liġi. Assistent imħallf huwa indipendenti, imma jrid jikkonforma ruħu mal-istruzzjonijiet ta' mħallf sa fejn dan ikun preskritt mil-liġi. Assistent imħallf huwa kompetenti li jagħmel annotazzjonijiet fir-reġistri (eż. fir-reġistru tal-artijiet, ir-reġistru kummerċjali) u li joħroġ regolamenti dwar iż-żamma tar-reġistri, inklużi li jimponi penali. Assistenti mħallfin jistgħu jimplimentaw proċedura aċċellerata għal ordnijiet ta' ħlas. Ir-restrizzjonijiet fuq iż-żamma tal-kariga ta' mħallf japplikaw ukoll għall-assistenti mħallfin.

Kulħadd jista' jinħatar assistent imħallf sakemm ikun kiseb grad ta' Master fil-liġi rikonoxxut nazzjonalment, kwalifika ekwivalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 28(2²) tal-Att dwar l-Edukazzjoni tar-Repubblika tal-Estonja jew kwalifika barranija ekwivalenti, irid ikun profiċjenti bl-Estonjan fil-livell C1 kif stabbilit mill-Att dwar il-Lingwi jew f'livell ekwivalenti, ikun ta' karattru morali għoli u jkun temm is-servizz preparatorju biex isir assistent imħallf, sakemm il-bord tas-selezzjoni ma jkunx eżentah minn dan is-servizz preparatorju. Kull min ikun għadda mill-

eżami tal-imħallf jista' jinħatar ukoll assistent imħallf.

Dawn li ġejjin ma jistgħux jinħatru bħala assistent imħallf: kull min jinsab ħati ta' reat kriminali; kull min tneħħa mill-kariga ta' mħallf, nutar jew uffiċjal ġudizzjarju; kull min ikun tkeċċa mill-Kamra tal-Avukati Estonjana; kull min ikun ġie rilaxxat minn servizz pubbliku minħabba ksur tar-regoli tad-dixxiplina; kull min huwa fallut; kull persuna li l-attivitajiet professjonali tagħha bħala awditur ikunu intemmu, ħlief meta dan ikun seħħ fuq talba tal-awditur; kull persuna li għaliha d-dritt li taħdem bħala aġent tal-privattivi ġie rtirat, ħlief fejn dan ikun seħħ fuq talba tal-aġent tal-privattivi. kull persuna li għaliha d-dritt li taħdem bħala traduttur ġuramentat ġie rtirat, ħlief fejn dan ikun seħħ abbażi tal-Artikolu 28(3)(3) tal-Att dwar it-Tradutturi Ġuramentati. kull min tneħħa mill-kariga ta' mħallf minħabba l-inadegwatezza tiegħu għall-kariga – għal 3 snin wara l-ħatra tiegħu fil-kariga.

L-assistenti mħallfin huma maħtura permezz ta' kompetizzjoni miftuħa.

Ir-rekwiżiti għall-assistenti mħallfin huma stabbiliti fl-Att dwar il-Qrati.

Skrivan tal-qorti huwa uffiċjal tal-qorti li jipparteċipa, jew b'mod indipendenti jew bis-superviżjoni ta' mħallf, fit-tnejja u l-ġestjoni ta' kawżi sa fejn huwa stipulat fl-Att li jirregola l-proċedura tal-qorti. Skrivani tal-qorti għandu s-setgħa jwettaq l-istess atti u jieħu l-istess deċiżjonijiet bħal assistent imħallf jew uffiċjal tal-qorti ieħor skont l-Att li jirregola l-proċedura tal-qorti. Skrivani tal-qorti huwa imparzjali fil-qadi ta' dmirijietu, imma jrid jikkonforma ruħu mal-istruzzjonijiet ta' mħallf sa fejn dan ikun preskritt mil-liġi.

Ir-rekwiżiti imposti fuq l-iskrivana tal-qorti huma l-istess bħal dawk imposti fuq l-assistenti mħallfin. Sabiex jimtela post battal ta' skrivani tal-qorti ssir kompetizzjoni pubblika.

Dawn li ġejjin ma jistgħux jinħatru bħala skrivana tal-qorti: kull min ikun instab ħati ta' reat kriminali imwettaq volontarjament; kull min instab ħati ta' reat imwettaq volontarjament kontra l-Istat, irrispettivament jekk id-dettalji tal-ħtija ġewx ikkanċellati; kull min ġie irtirat id-dritt li jaħdem bħala skrivani tal-qorti minħabba sentenza tal-qorti eżekuttiva; kull min jiġi minn jew huwa sieħeb ta' persuna li tissuperviżjona direttament skrivani tal-qorti.

Minbarra [l-iskrivani tal-qorti](#) (521 Kb) u [l-assistenti mħallfin](#) (373 Kb), uffiċjali oħrajn tal-qorti jinkludu [d-diretturi tal-qrati](#) (367 Kb) u [skrivani waqt is-seduti tal-qorti](#) (364 Kb).

Avukati

L-avukati jinkludu l-avukati li jipprattikaw il-qorti u l-assistenti tagħhom.

L-avukati huma membri tal-Kamra tal-Avukati Estonjana u huma rregolati mill-Att dwar il-Kamra tal-Avukati. Kull min jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Att dwar il-Kamra tal-Avukati u jkun għadda mill-eżami ta' avukat jista' jkun membru tal-Kamra tal-Avukati Estonjana.

Il-Kamra tal-Avukati Estonjana hija assoċjazzjoni professjonali awtoregulatorja li ġiet stabbilita sabiex tipprovdi servizzi legali kemm fl-interess privat kif ukoll fl-interess pubbliku u sabiex tipproteġi d-drittijiet professjonali tal-avukati. Il-Kamra tal-Avukati Estonjana timmonitorja l-attivitajiet professjonali tal-membri tagħha u l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-etika professjonali. Il-Kamra tal-Avukati Estonjana torganizza wkoll it-taħriġ professjonali intern tal-avukati u tipprovdi l-għajjnuna legali mill-Istat. Permezz tal-membri tagħha, il-Kamra tal-Avukati tiżgura li tiġi pprovduta l-għajjnuna legali mill-istat.

Il-Kamra tal-Avukati Estonjana taġixxi permezz tal-korpi tagħha. Dawn jinkludu l-assemblea ġenerali, il-bord, il-president, il-kumitat ta' verifika, il-qorti tal-etika professjonali u l-kumitat ta' valutazzjoni tal-adekwatezza professjonali.

L-avukati li jipprattikaw fil-qrati għandhom l-awtorità biex:

- jirrappreżentaw u jiddefendu lill-klijenti fil-qorti u fi proċedimenti ta' qabel il-proċess u fi proċedimenti oħrajn kemm fl-Estonja kif ukoll barra mill-pajjiż;
- jiġbru l-provi;
- jagħżlu bil-libertà kollha u jużaw mezzi u miżuri legali meta jipprovdu servizzi legali;
- jiksbu mingħand awtoritajiet nazzjonali u lokali l-informazzjoni meħtieġa sabiex jipprovdu servizzi legali,

ikollhom aċċess għal dokumenti u jiksbu kopji u siltiet minnhom, sakemm l-avukati ma jiġux ipprojbiti bil-liġi milli jiksbu din l-informazzjoni u din id-dokumentazzjoni;

- jipproċessaw id-*data* personali ta' persuni oħrajn minbarra l-klijenti tagħhom li tkun inkisbet f'konformità ma' kuntratt jew att legali, inklużi kategoriji speċjali ta' *data* personali, mingħajr il-qbil ta' dawk il-persuni jekk dan ikun meħtieġ sabiex jipprovdu s-servizzi legali;
- jivverifikaw firem u kopji ta' dokumenti mressqa quddiem il-qorti u quddiem korpi uffiċjali oħrajn bħala parti mis-servizzi legali pprovduti lil klijent;
- jipprovdu s-servizzi ta' persuna ta' kuntatt;
- jaġhmluha ta' arbitri jew ta' konċiljaturi fil-proċedura stabbilita fl-Att dwar il-Konċiljazzjoni;
- jaġhmluha ta' riċeventi f'falliment, jekk ikunu membri tal-Kamra.

L-assistenti avukati li jipprattikaw fil-qrati għandhom l-istess awtorità tal-avukati fil-limiti previsti mil-liġi.

L-assistenti avukati li jipprattikaw fil-qrati mhumiex awtorizzati li jkun arbitri jew konċiljaturi fil-proċedura stabbilita fl-Att dwar il-Konċiljazzjoni. Huma ma għandhomx l-awtorità biex jirrappreżentaw jew jiddefendu lil klijenti fil-Qorti Suprema sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor bil-liġi. L-assistenti avukati li jipprattikaw il-qorti m'għandhomx l-awtorità jaġixxu bħala riċeventi f'falliment.

Assistent avukat li jipprattika fil-qrati jista' jipprovdi servizzi legali biss taħt is-superviżjoni tas-superjur tiegħu, li jkun avukat li jipprattika fil-qrati.

Meta avukat jipprovdi servizzi legali, huwa jaġixxi b'mod indipendenti u skont il-liġi, l-atti u d-deċiżjonijiet legali adottati mill-korpi tal-Kamra tal-Avukati Estonjana, ir-rekwiżiti tal-etika professjonali tal-avukati, il-prattika tajba u l-kuxjenza tiegħu.

L-informazzjoni żvelata lil avukat hija kunfidenzjali. Avukat jew impjegat tal-Kamra tal-Avukati Estonjana jew ta' uffiċċju tal-avukati li qed jinstema' bħala xhud ma jistax jiġi interrogat jew mitlub jipprovdi spjegazzjonijiet dwar kwistjonijiet li huwa jkun sar jaf bihom waqt li kienu qed jiġu pprovduti servizzi legali.

Il-mezzi tad-*data* relatati mal-provvista ta' servizzi legali minn avukat huma invjolaabbli.

It-tweġġiq minn avukat tad-dmirijiet professjonali tiegħu ma jistgħux iwasslu biex huwa jiġi identifikat ma' klijent jew mal-kawża tal-klijent il-qorti.

Avukat ma jistax jinżamm taħt arrest, jiġi suġġett għal perkwiżizzjoni jew jinżamm taħt arrest preventiv għal raġunijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet professjonali tiegħu, ħlief fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' qorti ta' kontea. Ma jistgħux isiru perkwiżizzjonijiet f'uffiċċju legali minn fejn avukat jipprovdi servizzi legali minħabba raġunijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet professjonali tal-avukat.

Fis-sit elettroniku tal-[Kamra tal-Avukati Estonjana](#) tista' ssib lista ta' avukati u ta' ditti tal-avukati u informazzjoni oħra utli. Madankollu, permezz tal-funzjoni "[Sib avukat](#)" tista' ssib avukat mill-Unjoni Ewropea kollha.

Bażijiet tad-*data* legali

Ma hemmx bażijiet tad-*data* apparti minn dawk imniżżla hawn fuq.

Konsulenti legali

Fl-Estonja, l-attivitajiet professjonali tal-konsulenti legali mhumiex irregolati bil-liġi.

Nutara

Organizzazzjoni

In-nutara kollha fl-Estonja għandhom kompetenza ndaqs. Il-professjoni tan-nutara hija rregolata mill-[Att dwar in-Nutara](#). Kemm il-Ministeru għall-Ġustizzja kif ukoll il-Kamra tan-Nutara huma responsabbli għar-regolamentazzjoni u l-ġestjoni tal-attivitajiet professjonali tan-nutara. Il-Kamra tan-Nutara hija entità ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku u n-nutara kollha maħtura f'din il-kariga huma membri tagħha. Il-kompiti li għalihom

hija responsabbli jinkludu l-monitoraġġ ta' jekk in-nutara humiex qed iwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom b'mod kuxjenzuż u korrett, l-armonizzazzjoni tal-attivitajiet professjonali tan-nutara, l-arranġamenti għat-taħriġ tan-nutara, l-organizzazzjoni tas-servizz tal-kandidati, l-amministrazzjoni u l-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni elettronika fir-rigward tan-nutara, u l-għoti ta' assistenza lill-Ministru tal-Ġustizzja rigward attivitajiet ta' superviżjoni, eċċ. Is-sit elettroniku tal-Kamra tan-Nutara tipprovdi informazzjoni dwar in-nutara u d-dmirijiet notarili.

Rwol u dmirijiet

Nutar għandu kariga fil-liġi pubblika. Huwa jingħata s-setgħa mill-Istat biex, fuq it-talba ta' xi ħadd, jiddikjara l-veraċità ta' fatti u avvenimenti li għandhom tifsira ġuridika u biex iwettaq atti notarili oħrajn biex jiżgura ċ-ċertezza legali.

In-nutara jridu jkunu imparzjali, affidabbli u indipendenti fl-attivitajiet tagħhom. Huma obbligati jaċċertaw l-intenzjonijiet effettivi tal-partijiet għal tranżazzjoni u ċ-ċirkustanzi mitluba sabiex titwettaq tranżazzjoni korretta kif ukoll li jispjegaw lill-partijiet il-modi differenti kif tista' titwettaq it-tranżazzjoni u l-konsegwenzi tat-tranżazzjoni.

In-nutara jwettqu l-atti notarili li ġejjin, fejn jintalbu jagħmlu dan:

- jipprovdu ċertifikazzjoni notarili (diversi kuntratti, prokuri, testmenti) u awtentikazzjoni notarili (kopji, firem, kopji stampati, eċċ.);
- isolvu kwistjonijiet ta' suċċessjoni;
- joħroġu ċertifikati dwar it-tnejn ta' dokumenti notarili li jridu jiġu eżegwiti fl-Estonja, abbażi tal-Artikolu 60 jew tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1);
- joħroġu ċertifikati dwar il-forza legali ta' dokumenti notarili fl-Estonja, abbażi tal-Artikolu 59(1) u l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107), u joħroġu ċertifikati dwar it-tnejn ta' dokumenti notarili li jridu jiġu eżegwiti fl-Estonja, abbażi tal-Artikolu 60(2) u l-Anness II;
- joħroġu siltiet dwar it-tnejn ta' dokumenti notarili li jridu jiġu eżegwiti fl-Estonja, abbażi tal-Artikolu 48(3) u l-Annessi III u IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1);
- jiddikjaraw prokuri invalidi skont l-Att dwar in-Notarizzazzjoni;
- jiddikjaraw li l-ftehimiet konklużi permezz ta' avukat li jkun qed jaqdi l-funzjoni ta' konċiljatur jew permezz ta' nutar ieħor ikunu eżegwibbli;
- joħroġu ċertifikati (postilli);
- fuq it-talba ta' persuni ġuridiċi, iressqu r-rapporti finanzjarji annwali tagħhom quddiem il-qorti li żżomm ir-reġistru;
- jikkonfermaw żwigi u divorzji u jħejju għall-entrati taż-żwigi u d-divorzji;
- jaċċertaw depożiti ta' flus, titoli u dokumenti;
- jipprovdu aċċess għad-data mniżżla fir-reġistru tad-dipartiment tal-artijiet jew fid-dipartiment ta' reġistrazzjoni jew f'dokument miżmum fir-reġistru;
- jissottomettu avviżi u applikazzjonijiet lil awtorità amministrattiva ekonomika fuq talba ta' impriża, jirċievu dokumenti jew informazzjoni oħra mingħand awtoritajiet amministrattivi ekonomiċi u jwasslu att amministrattiv lil impriża;
- idaħħlu informazzjoni fir-reġistru fuq talba ta' kumpanija;
- fuq talba ta' persuna ġuridika jew fiduċjarju, jipprovdu informazzjoni dwar is-sid benefiċjarju.

Il-klijent irid iħallas lin-nutar id-dritt stabbilit bil-liġi għal dawn it-tranżazzjonijiet.

In-nutara jistgħu joffru s-servizzi uffiċjali li ġejjin:

- jagħtu pariri legali lil hinn mill-proċedura ta' attestazzjoni;
- jagħtu pariri rigward il-liġi dwar it-tassazzjoni u l-liġi ta' pajjiż barrani, irrispettivament minn jekk dan ikunx

- parti jew le minn proċedura ta' attestazzjoni;
- joffru l-konċiljazzjoni skont l-Att dwar il-Konċiljazzjoni;
- jaġixxu bħala arbitru skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;
- imexxu rkanti, votazzjonijiet, lotteriji u t-tluġ bix-xorti, u jivverifikaw ir-riżultati;
- jippresjedu fuq l-għoti tal-ġuramenti u jawtentikaw iċ-ċertifikati ġuramentati;
- iressqu petizzjonijiet u avviżi mhux marbuta ma' kompiti uffiċjali u joħorġu ċertifikati dwar it-twassil jew l-impossibilità ta' twassil ta' dawn il-petizzjonijiet u/jew avviżi;
- jipprovdu s-servizzi ta' persuna ta' kuntatt;
- jaċċettaw depożiti ta' flus – bl-eċċezzjoni ta' flus kontanti – titoli, dokumenti u oġġetti oħrajn jekk dan ma jkunx att notarili jew dmir uffiċjali li jirriżulta minnu;
- iwieġbu għal talba għal spjegazzjoni sottomessa minn kumpanija.

Tista' ssib informazzjoni dwar is-servizzi uffiċjali offruti min-nutara fis-sit tal-[Kamra tan-Nutara](#). Id-drittijiet għas-servizzi tan-nutara jiġu miftiehma bejn il-klijent u n-nutar qabel ma jiġi pprovdut is-servizz.

Professjonijiet legali oħrajn

Uffiċjali ġudizzjarji

Fl-Estonja, din hija professjoni legali libera: l-uffiċjali ġudizzjarji jaġixxu f'isimhom u huma responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom. Uffiċjal ġudizzjarju irid ikun imparzjali u responsabbli fid-dmirijiet tiegħu. L-attivitajiet uffiċjali tal-uffiċjali ġudizzjarji huma regolati skont l-[Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji](#).

Sa minn Jannar 2010 bdiet topera organizzazzjoni professjonali konġunta għall-uffiċjali ġudizzjarji u għar-riċeventi f'falliment, il-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji u tar-Riċeventi f'Falliment (minn issa 'l quddiem il-Kamra). L-attivitajiet uffiċjali tal-uffiċjali ġudizzjarji, is-superviżjoni, ir-responsabbiltà dixiplinari u l-attivitajiet tal-assoċjazzjoni professjonali tagħhom huma rregolati mill-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji. Ir-rwol tal-Kamra huwa li tiżviluppa u tippromwovi l-professjonijiet legali liberi, inklużi l-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-konformità ma' prattika uffiċjali u professjonali tajba, u li tfassal rakkomandazzjonijiet għall-armonizzazzjoni tal-attivitajiet professjonali, torganizza taħriġ, tiżviluppa sistemi ta' informazzjoni, eċċ. Il-Kamra għandha wkoll qorti tal-etika professjonali. Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kamra ara [s-sit web](#) tagħha.

Id-dmirijiet professjonali ta' uffiċjal ġudizzjarju huma:

1. iwettaq proċeduri eżekuttivi skont il-Kodiċi ta' Proċedura Eżekuttiva;
2. jinnotifika dokumenti skont il-kodiċijiet proċedurali;
3. jagħmel inventarji tal-proprjetajiet u jamministra l-proprjetajiet skont l-Att dwar il-Liġi tas-Suċċessjoni;
4. imexxi, fil-każijiet u skont il-proċedura prevista mil-liġi, irkant fuq talba ta' qorti jew korp amministrattiv għajr proċedimenti ta' eżekuzzjoni;
5. jagħmilha ta' intermedjarju fir-rigward ta' manteniment irċevut minn Stat barrani, abbażi tal-Att dwar il-Benefiċċji tal-Familja;
6. jikkompila l-profilu ta' eżekuzzjoni tad-debituri.

Id-dritt tal-uffiċjal ġudizzjarju biex iwettaq dawn id-dmirijiet uffiċjali huwa stabbilit fl-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji.

Fuq talba ta' xi ħadd, uffiċjal ġudizzjarju jista' jwettaq is-servizzi professjonali li ġejjin:

1. imexxi l-irkanti għal propjetà mobbli u immobbli
2. jinnotifika d-dokumenti;
3. jagħti pariri legali u jfassal dokumenti legali jekk ikollu livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47(1)(1) tal-Att dwar il-Qrati.
4. jipprovdi s-servizz li jstabbilixxi fatt legali barra mill-proċedimenti tal-qorti;
5. jaġixxi bħala konċiljatur f'konformità mal-Att dwar il-Konċiljazzjoni;
6. jaġixxi bħala arbitru abbażi tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

L-uffiċjali ġudizzjarji għandhom dritt jirrifjutaw li jagħtu servizz professjonali.

Il-qbil dwar it-termini għall-għoti ta' servizzi professjonali u l-proċedura għal ħlas irid isir bil-miktub mal-persuna li qed titlob is-servizz qabel ma s-servizz jiġi pprovdut. It-termini u l-ħlas maqbula għandhom ikunu konformi ma'

prattika professjonali tajba.

Fl-għoti ta' servizzi professjonali, l-uffiċjali ġudizzjarji ma jistgħux jeżerċitaw dawk id-drittijiet li ngħataw lilhom mil-liġi biex iwettqu l-obbligi professjonali tagħhom jew li ġejjin mill-kariga tagħhom.

Informazzjoni dwar is-servizzi provduti mill-uffiċjali ġudizzjarji tinsab fuq [is-sit web](#) tal-Kamra.

Is-superviżjoni mill-Istat tad-dmirijiet uffiċjali tal-uffiċjali ġudizzjarji titwettaq mill-Ministeru għall-Ġustizzja u mill-Kamra.

L-uffiċjali ġudizzjarji huma responsabbli għall-ħsara kkawżata intenzjonalment matul l-attivitajiet professjonali tagħhom, anke jekk il-ħsara tkun ġiet ikkawżata minn impjegat fl-uffiċċju tagħhom. Jekk it-talbiet għal kumpens minħabba ħsara kkawżata minn att professjonali ta' uffiċjal ġudizzjarju ma jistgħux jiġu ssodisfati mill-assi ta' uffiċjal ġudizzjarju jew minn persuna oħra responsabbli għall-ħsara jew jekk it-talbiet ma jistgħux jiġu ssodisfati bi sħiħ, il-Kamra hija responsabbli għall-ħsara kkawżata. L-Istat għandu r-responsabbiltà aħħarija għall-azzjonijiet tal-uffiċjali ġudizzjarji. Kemm il-Kamra kif ukoll l-Istat għandhom id-dritt ta' rikors kontra l-persuna responsabbli għall-ħsara; l-Istat ukoll għandu dritt ta' rikors kontra l-Kamra.

Riċeventi f'falliment

Riċevent f'falliment huwa persuna maħtura mill-qorti li, fuq il-bażi tar-rwol tagħha, twettaq tranżazzjonijiet u atti oħrajn relatati ma' proprjetà suġġetta għal proċeduri ta' falliment u tirrappreżenta lid-debitur fil-qorti f'tilwim relatat ma' proprjetà suġġetta għal proċeduri ta' falliment. L-obbligu prinċipali ta' riċevent f'falliment huwa li jiddefendi d-drittijiet u l-interessi tal-kredituri kollha u tad-debitur u li jiżgura ruħu minn proċeduri ta' falliment li jkunu legali, fil-pront u finanzjarjament raġonevoli. Riċevent f'falliment iwettaq id-dmirijiet tiegħu personalment. Dawn li ġejjin jistgħu jaġixxu bħala riċeventi f'falliment: persuni fiżiċi li ngħataw l-awtorizzazzjoni biex jaġixxu bħala riċeventi f'falliment mill-Kamra, avukati li jipprattikaw il-qorti, awdituri statutorji u uffiċjali ġudizzjarji. Il-Kamra żżomm lista ta' riċeventi f'falliment. Il-lista tinkludi *data* dwar dawk kollha li huma intitolati li jkunu riċeventi f'falliment u hija aċċessibbli għall-pubbliku mis-sit elettroniku tal-Kamra. Riċevent f'falliment imniżżel fil-lista jrid jiżgura ruħu li d-*data* tkun preċiża.

Id-dmirijiet prinċipali ta' riċevent f'falliment huma li:

1. jiddetermina t-talbiet tal-kredituri, jamministra l-proprjetà suġġetta għal proċeduri ta' falliment u jorganizza l-formazzjoni u l-bejgħ tal-proprjetà minbarra li jissodisfa t-talbiet tal-kredituri mill-proprjetà;
2. jiddetermina r-raġunijiet għall-insolvenza tad-debitur u d-*data* li fiha sseħħ;
3. jaġħmel arranġamenti, fejn dan ikun meħtieġ, sabiex l-attivitajiet kummerċjali tad-debitur jibqgħu għaddejjin;
4. iwettaq, fejn dan ikun meħtieġ, il-likwidazzjoni tad-debitur, jekk id-debitur ikun persuna ġuridika;
5. jipprovdi informazzjoni lill-kredituri u lid-debitur fil-każijiet stabbiliti mil-liġi;
6. jirrapporta dwar l-attivitajiet tagħhom u jipprovdi informazzjoni dwar il-proċeduri ta' falliment lill-qorti, lill-uffiċjal superviżorju u lill-kumitat tal-falliment.

Is-superviżjoni mill-Istat tal-attivitajiet tar-riċeventi f'falliment titwettaq mill-Ministeru għall-Ġustizzja, fuq il-bażi ta' lmenti jew ta' *data* oħra mibgħuta lilu dwar ir-riċevent f'falliment u li tagħti x'tifhem lill-awtoritajiet li r-riċevent f'falliment naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu. Il-Ministeru għall-Ġustizzja għandu d-dritt, meta jimmonitorja l-attivitajiet ta' riċevent f'falliment, li jivverifika kemm ikunu xierqa u legali l-attivitajiet professjonali tar-riċevent f'falliment. Il-Ministru għall-Ġustizzja jista' jieħu azzjoni dixxiplinari fil-konfront ta' riċevent f'falliment li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw mill-atti legali li jstabbilixxu l-attivitajiet professjonali tar-riċeventi f'falliment. Il-Ministru għall-Ġustizzja ma jstax jieħu azzjoni dixxiplinari fil-konfront tal-avukati li jipprattikaw fil-qorti li jaġixxu bħala riċevent f'falliment. Madankollu, il-Ministru għandu d-dritt li jagħti bidu għal proċeduri tal-etika professjonali fil-Kamra tal-Avukati.

Minbarra s-superviżjoni amministrattiva, l-attivitajiet tar-riċeventi f'falliment jiġu mmonitorjati wkoll mill-kumitat tal-falliment, mil-laqqha ġenerali tal-kredituri, mill-qorti u mill-Kamra fil-qasam tal-kompetenza tagħhom.

¶oloq relatati

[Il-Ministeru għall-Ġustizzja](#)

[L-Organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ tal-Kamra tal-Avukati](#)

[Il-Fondazzjoni tal-Uffiċċju għas-Servizzi Legali](#)

[Il-Kamra tal-Avukati Estonjana](#)

[L-Uffiċċju tal-Prosekutur](#)

[Il-Kamra tan-Nutara](#)

[Il-Kamra tal-Uffiċċjali Ġudizzjarji u tar-Riċeventi f'Falliment](#)

■ L-aħħar aġġornament: 20/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.